MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-14 ta' April, 2010

Numru. 1520/2007

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**
**VS**
**CLIFFTON CASSAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Cliffton Cassar, ta’ 25 sena, iben John u Grace nee’ Pulis imwieled Pieta’ fl-4 ta’ Jannar 1982, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 0046782(M) u residenti ‘Fauna’ Triq Carmelo Ritchie, Xghajra, Zabbar.

Illi huwa akkuzat talli nhar it-28 ta’ Ottubru 2007, ghall-habta ta’ 23.30hrs gewwa z-Zejtun, minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ huh Jurgen Cassar f’perikolu car, ikkaguna offiza fuq il-persuna ta’ l-istess Jurgen Cassar, liema offiza ggib mankament jew sfregju fil-gisem jew fil-wicc, billi gidem u qata barra parti mill-widna x-xellugija ta’ huh Jurgen Cassar, kif iccertifika Dr. Stephen Spiteri MD

(2415) ta’ l-Isptar Saint James u meta l-istess offiza saret fuq il-persuna ta’ huh legittmu u naturali;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi kiser il-paci u l-ordni pubblika b’ghajjat u glied;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi waqt li kien fis-sakra f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, ma kienx kapaci jiehu hsieb tieghu innifsu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija, barra l-piena stabbilita mil-Ligi, taplika l-Artikolu 383(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ Jurgen Cassar.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 22 ta’ Lulju 2008, fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni jirrizulta illi l-kwerelant Jurgen Cassar kien irraporta lill-Ghassa tal-Pulizija illi huh, l-imputat Cliffton Cassar, kien infligga griehi ta’ natura gravi billi kien gidimlu widintu u qaccatlu parti minnha addirittura. Il-kwerelant Jurgen Cassar, kien akkompanjat mill-gharusa tieghu Jiacobelle Debattista. Gie pprezentat certifikat ta’ griehi ta’ natura gravi ta’ Dr. Stephen Spiteri. L-imputat Cliffton Cassar kien ammetta,

fl-*istatement* tieghu, illi kien gidem lil widnejn huh izda qal illi huwa kien agixxa bi provokazzjoni il-ghaliex Jurgen Cassar, waqt riceviment f'Pandora Hall, kien siker, li l-imputat kien ipprova jdahhal lil huh gol-karozza, li dan kien agressiv mieghu u ma' l-gharusa (Jiacobelle Debattista) u li wara li kien tah daqqa ta' ponn, l-imputat kien gidem il-widnet Jurgen. Certifikat mediku gie ezebit bhala Dok.JA waqt li l-istqarrija giet ezebita bhala Dok.JA1.

PS 1386 Anthony Agius ikkonferma r-rapport ta' Jurgen Cassar u l-verzjoni tieghu. Xehed illi kien kellem lill-imputat, li infurmah illi Jurgen kien fis-sakra, li Cliffton Cassar kien ipprova jdahhlu fil-karozza, li Jurgen Cassar kien qabad itih u li gidmu f'idejh. L-imputat ma kien gab ebda certifikat fl-Ghassa tal-Pulizija. PS 1386  Anthony Agius ezebixxa l-okkorrenza Dok.PS

Jurgen Cassar ikkonferma l-verzjoni tieghu bil-gurament u ezebixxa r-ritratti Dok.JC sa Dok.JC3 illi juru l-griehi f'widnejh. Jurgen Cassar ta sfond ta' dizgwid bejn l-ahwa. Ikkonferma illi huwa kien hareg mat-tfajla tieghu Jiacobelle Debattista, u li waqt li kien f'dan ir-riceviment, huh beda jimbottah, mar fil-karozza, l-imputat ma halliehx isuq u ghaldaqstant Jurgen Cassar jghid illi ta c-cavetta lit-tfajla tieghu biex issuq hi u l-imputat beda jimbottah gol-karozza:

*"U biex jitkessah beda jorbotni u jimbottani gol-karozza."*

Jaf illi qala' daqqa ta' ponn go ghajnejh. Jurgen Cassar zied jghid illi dak il-lejl huwa kien xorob anke ftit izzejjed, jaf illi kien mar l-isptar u li gie mmedikat. Jurgen Cassar xehed illi hu kien xeba bl-atteggjament ta' l-imputat, li ma l-icken argument kien jara kif jaghmel u jibda jsawtu, anke permezz ta' injam u hadid. Huwa ried kumpens minghand l-imputat ghal mankament li ghamillu.

Jiacobelle Debattista kkonfermat illi kienet harget ma' l-gharus taghha Jurgen Cassar u li dan kien xorob naqra zzejjed il-ghaliex kien jaf illi hija (Jiacobelle) kienet ser issuq lura d-dar. L-imputat, Cliffton Cassar, beda jghidlu

biex ma jsuqx u Jurgen qabad ic-cwievet tal-karozza u taghhom lilha (Jiacobelle) mill-ewwel (ara xhieda a fol.33). Kif waslu hdejn il-karozza, l-imputat beda jimbotta lil Jurgen u ghamillu s-*seat belt*. Jurgen hareg mill-karozza u qallu biex jaqtaghha u gew fl-idejn. Jiacobelle bdiet tiprova tferraq u l-imputat:

*“Qasamlu rasu b’xi choker tieghu sakemm qatghalu widnejh barra.”* (ara xhieda a fol.34)

Jiacobelle Debattista xehedet illi c-*choker* ta’ Cliffton setgha tqaccat f’din it-taqbida. Illi hi rat li Jurgen kellu wiccu kollu dmiegha, demm niezel minn imniehru u hadet lil Jurgen Cassar l-isptar. Giet murija r-ritratti Dok.JC sa Dok.JC3 u kkonfermathom. Jiacobelle Debattista cahdet illi kien Jurgen illi beda jsawwat lill-imputat, anzi qalet li rat lil Jurgen jaqa’ ma’ l-art, jintilef minn sensieh;

*“Ma bediex jati Jurgen, ghax jien bdejt nghajjatlu biex iqum minn tahtu. Ghax lil huh bdejt niprova naqalghu u ma stajtx.”* (ara fol.36)

Jiacobelle Debattista xehedet illi l-imputat beda jsawwat lil Jurgen permezz tac-*choker* imbaghad gidimlu widnejh u li hi bdiet tiprova taqla lill-imputat minn fuq l-gharus taghha u ma setghetx. Jiacobelle Debattista xehedet illi anke hi sofrit certi griehi imma ma ghamlitx certifikat u dawn il-griehi kienet garbithom accidentalment meta kienet qed tiprova tifred lill-ahwa Cassar.

In kontro ezami, Debattista tghid illi c-*choker* setgha tqaccat il-ghaliex meta ntilef minn sensieh, Jurgen setgha ddendel mac-*choker*. Illi wara dan, Debattista rat lil Cliffton jaqbad ic-*choker* minn ma’ l-art u jsawwat lil Jurgen bih. Mitluba tghid, kemm-il darba, Jurgen kienx gidem lill-imputat f’dirghajh, **Debattista tinnega, ripetutament, u tghid illi dan kien impossibli ghal Jurgen, il-ghaliex kien mitluf minn sensieh.**

Dr. Stephen Spiteri kkonferma c-certifikat mediku, Dok.JA (a fol.15) u l-klassifika tieghu ta’ griehi ta’ natura gravi

permanenti, stante’ li parti minn widnejn Jurgen kienet maqtugha barra (ara xhieda a fol.43 sa fol.45)

Marvic Fenech xehed li l-kwerelant ta daqqa ta’ ponn lilu u lill-imputat. Ma setghax jghid, kemm-il darba, l-kwerelant kien xurban. Marvic Fenech innega li Jurgen kellu xi jghid ma’ xi haddiehor fil-karozza.

L-imputat, Cliffton Cassar, ikkonferma l-verzjoni tieghu illi ta fl-istqarrija u cioe illi huh kien fis-sakra waqt *party,* li hu pprova jdahhlu fil-karozza, illi waqt li kien qed jaghmel dan tah daqqa ta’ ponn u ta daqqa ta’ ponn ukoll lill-gharusa tieghu u lil habib tieghu Marvic. L-imputat jghid illi waqt it-taqbida, l-kwerelant kien qatghalu c-*choker* u fil-fatt ma sabux. L-imputat jghid illi huh kien it-tip ta’ bniedem li joffendih kull meta jarah barra u dejjem jghajjru u jaghmilha tal-“*hero”*.

Illi d-Difiza fit-trattazzjoni ssollevat l-eccezzjoni ta’ legittima difesa.

Ikkonsidrat:

Mill-provi fuq prodotti jirrizulta, anka b’mod ampju, illi dan il-kaz ma jitrattax kaz ta’ legittima difesa jew ta’ provokazzjoni izda jitratta kaz ta’ ahwa li ma jithammlux fejn l-imputat jidhirlu illi ghandu certu jhedd li jiddixxiplina lil huh illi huwa izghar minnu. Din il-Qorti rat ix-xhieda ta’ Jiacobelle Debattista illi hija wahda affidabbli u ta’ min jistrieh fuqha u l-verzjoni taghha hija vivida u turi illi, minkejja li l-kwerelant Jurgen Cassar, kien verament fis-sakra, f’ebda mod ma kien agressiv u lanqas ma kien qieghed jipperikola lilu nniffsu jew lill-gharusa tieghu, il-ghaliex kif dinha qaltlu biex jaddilha c-cwievet tal-karozza tieghu, dana mill-ewwel tahomlha. Debattista tghid ukoll illi, hi u l-gharus taghha Jurgen, hargu mir-riceviment wahedhom, minghajr ghajnuna ta’ l-imputat u kien biss l-imputat Cliffton Cassar li ntrometta lilu nniffsu fejn ma jesahx, billi beda jimbotta lill-kwerelant gol-karozza u jipprova jorbotlu s-*seat belt*, u kien il-kagun tal-glieda illi segwiet. Ix-xhieda ta’ Debattista turi illi Jurgen hareg mill-

karozza biex jghid lill-imputat biex jaqtaghha u li kien hemmhekk illi l-imputat agredixxa lil Jurgen Cassar b’diversi daqqiet, anke permezz ta’ *choker* u spicca biex jigimlu bicca minn widnejh ‘il barra.

Illi l-Qorti taghraf illi x-xhieda ta’ Marvic Fenech hija kompletament innaffidabbli u johrog car illi huwa ma kien jaf jaghti ebda dettal fuq kif graw l-affarijiet u li l-cosi dett ‘daqqa ta’ ponn’ fuqu, diretta lilu u lill-imputat, saret kwazi kwazi, “in a vacuum”, tant illi l-Qorti ma ghandha ebda konvinciment li Fenech fil-fatt kien prezenti waqt din il-glieda.

Il-Qorti rat u ezaminat ukoll l-istqarrija ta’ l-imputat u x-xhieda li huwa ta quddiem din il-Qorti. Il-Qorti tigbet l-attenzjoni ghal kurjozita tal-fatt illi l-imputat ezebixxa erba’ (4) ritratti ta’ gdim fuq dirghajh, li pero’ ma rriferiex ghal dawn fix-xhieda tieghu. Jirrizulta pero’, li dawn gew imsemmiha fl-istqarrija tieghu Dok.JA1 (a fol.16). **Lanqas ma jissemmew il-gdim fuq l-imputat fl-okkorrenza a fol.21**

Ikkonsidrat:

Illi, skond il-gurisprudenza nostrali u precizament fis-sentenza pronuncjata minn l-Onorabbli Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano fil-kawza **Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro** deciza fis-26 ta’ Awwissu 1998 gie ritenut is-segwenti:

*Mhux kull min “jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista’ jinvoka l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali. Il-ligi titkellem car dwar “il-<u>bzonn attwali</u> ta’ difiza <u>legittima</u>” ta dak illi jkun jew ta’ haddiehor. Kemm fid-dutrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li biex wiehed jista’ jinvoka din l-iskriminanti* ***, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element ta’ l-inevitabbilita jigi nieqes*** *meta wiehed minnflok ma jevita l-inkwiet, ossia l-glied illi jara gej, meta dan jista’ b’mod ragonevoli jigi hekk evita* ***t, imur minghajr raguni***

***valida jaffrontah b'mod li jipprecipita hu stess il-konfront fiziku."***

**Illi di piu' kif tajjeb jintqal minn Lord Justice Widgery fil-kawza Police vs. Julien (1967) 1WLR839: *it is not ... the law that a person threatened must take to his heels and run in the dramatic way suggested by Mr. McHale; but what is necessary is that he should demonstrate by his actions that he does not want a fight. He must demonstrate that he is prepared to temporise and disengage and perhaps to make some physical withdrawal, and that that is necessary as a feature of the justification of self defence is true in our opinion, whether the charge is homicide charge or something less serious."*** (at page 843)

Il-fatti spece ta' dan il-kaz juru bic-car illi kien l-imputat Cliffton Cassar illi agredixxa lil huh Jurgen u mhux vice versa. Lanqas ma jista' jinghad illi l-imputat kien qed jagixxi in difesa ta' Jiacobelle Debattista, il-ghaliex skond ix-xhieda taghha, kienet l-istess Debattista illi kienet qed tiprova tiddefendi l-gharus taghha mill-aggressjoni ta' l-imputat u li din soffriet griehi il-ghaliex intlaqtet waqt illi kienet qed tiprova taqla' lill-imputat minn fuq Jurgen Cassar illi kien gia' mitluf minn sensieh.

Din il-Qorti lanqas ma tista' tilqa' d-difiza ta' provokazzjoni il-ghaliex, kif jirrizulta mill-provi, kien l-imputat inniffsu illi kien il-kagun ta' l-agressjoni fuq il-kwerelant u mhux vice versa.

Il-Qorti ezaminat ukoll ix-xhieda ta' Dr. Stephen Spiteri, ic-certifikat mediku Dok.JA (a fol.15), ir-ritratti Dok.JC sa Dok.JC3 u hi tal-fehemha illi l-Prosekuzzjoni lahqet il-livell probatorju ta' griehi ta' natura gravi permanenti, illi jikkonsistu fi sfregju permanenti fil-widna tal-kwerelant Jurgen Cassar u dan ai terminu ta' l-Artikolu 218(1)(b).

Din il-Qorti kellha l-opportunita' wkoll illi tara lill-kwerelant Jurgen Cassar u taghraf illi dan l-isfregju huwa vizibbli minn distanza zghira.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat, **Cliffton Cassar,** hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 214, 218 (1)(b), 338(dd), 338(ff), **tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin.**

Din il-piena qed tigi akkordata in vista tal-fedina penali ta' l-imputat illi m'hijiex wahda rafrettarja u in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------